## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JOSEPH AQUILINA (KI. 320075M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

### 11/10/2022

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **JOSEPH AQUILINA (320075M)** Vettura: **REM650 YAMAHA**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar is-27/09/2020 ghal habta ta` 11:20hrs**

Post: **TRIQ KOTTONERA** Lokalita': **BIRGU**

**(1) Soqt, gieghelt jew hallejt vettura bil-mutur tinsaq minghajr ma kellha silencer effettiv** ( L.S. 65.11 Artiklu 106

**(2) Mexxejt jew haddimt magna ta` vettura b`mod li taghmel hsejjes zejda** ( L.S. 65.11 Artiklu 105 )

**(3) Inqast li tipproduci dokument tal-identita lill-Pulizija meta kont mitlub/a li taghmel hekk** ( Kap 258 Artiklu 17 (3) )

**(4) Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, eccedejt il-limitu ta` velocita** ( L.S. 65.11 Artiklu 127 )

**(5) Bhala persuna ingurajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq persuna ta` wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe lil PS 1226 U PC 475, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li tbezza jew tinfluwixxi kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta` dan is-servizz** ( Kap 9 Artiklu 95 )

**(6) Bhala persuna, bil-mezz ta` karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b`isem mahluq ukoll fil-kaz ta` theddid bil-fomm heddidt lill PS 1226 U PC 475 b`xi delitt u flimkien mat-theddida kien hemm ordni jew kondizzjoni** ( Kap 9 Artiklu 249 (1) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PS 1226 Silvan Pulis (affidavit), PC 475 Elkjaer Farrugia (affidavit), PC 1170 Franklin Agius (affidavit) u tal-imputat Joseph Aquilina nnifsu.

Rat li fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2022, il-Qorti ddikjarat preskritti l-ewwel erba’ imputazzjonijiet stante t-trapass taż-żmien.

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2022 Dr. Joe Brincat għall-imputat eċċepixxa l-preġudizzjali tan-*ne bis in idem* in kwantu skond hu l-imputat kien diġa tressaq quddiem il-Kummissarju għall-Ġustizzja mixli bir-reat ta' sewqan b'veloċita eċċessiva fid-data, lok u ħin identiku għall-imputazzjonijiet preżenti u li l-imputat kien instab ħati tar-reat u mmultat.

Rat f'dan ir-rigward in-nota tal-imputat ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2022 u n-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-25 ta' Awwissu 2022.

Rat li fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tal-imputat stante illi qieset illi l-fatti ġuridiċi li jinsabu ravviżati fil-ħames u fis-sitt imputazzjonijiet huma differenti u materjalment distingwibbli mill-aġir tal-imputat illi jsuq b'veloċita eċċessiva.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Qabel xejn għal kull bwon fini l-Qorti terġa ttenni li l-ewwel erba imputazzjonijiet huma ta' natura kontravvenzjonali u għalhekk stante illi l-imputat ġie notifikat formalment bid-dehra tiegħu quddiem il-Qorti fl-20 ta' Lulju 2021, l-istess imputazzjonijiet huma preskritti bit-trapass taż-żmien.

Jibqgħu l-imputazzjonijiet numru ħamsa u sitta x'jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti.

Mill-filmat esebit mill-imputat fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 konsistenti *f'recording* li ħa huwa stess tal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu għadhom kemm waqqfuh fil-ġenb tat-triq peress li allegatament kien qed isuq b'veloċita eċċessiva, jirriżulta illi sal-punt illi l-imputat ingħata f'idejh iċ-ċitazzjoni mill-uffiċjali tal-Pulizija huwa aġixxa b'mod raġjonevoli fis-sens illi għal diversi drabi huwa beda jinsisti magħhom li jinfurmawh eżattament ta' liema reat/i kien ser jeħel ċitazzjoni. Fil-filmat jidher li l-istess ufiċċjali għal xi raġuni jew oħra ma' komplewx mal-imputat billi qalulu illi din l-informazzjoni kienet diġa ngħatatlu qabel ma' beda jiġbed il-filmat. S'hawnhekk il-Qorti ma' tirriskontra xejn li jista' jimmerita xi kundanna min-naħa tagħha. Il-filmat jieqaf fil-punt illi ċ-ċitazzjoni ngħatat f'idejn l-imputat mill-uffiċjali tal-pulizija.

Issa mill-affidavits ta' PS 1226, PC 475 u PC 1170 jirriżulta illi wara li PS 1226 tah it-*ticket* f'idu u l-uffiċjali qasmu t-triq biex ikomplu b'xogħlhom, l-imputat waqaf jieħu l-video u qasam għal warajhom u qallhom il-kliem: ***"Intom tibzaw u toqgħodu tistaħbew wara l-maskla u taghmlu l-arja bil-Qorti, jekk tridu nagħmluha l-arja, l-arja naghmluha hawnhekk...issa nitkellmu mod ieħor".*** Qallhom ukoll il-kliem ***"issa nagħmel telefonata lil min għandi nagħmilha u taraw ... issa nċempel Assistent Kummissarju u jkellimkom huwa...Ja ndannati, xiz-zobb qiegħed tagħmlu".***

L-imputat innega li qallhom dawn il-kliem. Madanakollu l-Qorti tħoss illi t-tlett uffiċjali tal-Pulizija ressqu prova biżżejjed f'dan ir-rigward liema prova għandha titqies li tilħaq il-grad suffiċjenti fil-liġi sabiex tinstab ħtija fuq il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti wara li rat l-Art. 95 u Art. 249(1) tal-Kap. 9, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel erba' imputazzjonijiet stante illi huma preskritti, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru ħamsa (5) u sitta (6) u tikkundannah iħallas il-multa ta' tmien mitt euro (€ 800).**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |